MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Rikors Numru. 113/2011

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**vs**
**Albert Xuereb u martu Rosaria Xuereb**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici tat-8 ta' Frar 2011 li jghid hekk:

Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 9 ta' Ottubru 2007 (kopja hawna annessa u mmarkata bhala Dok. HSBC I) debitament notifikata lill-intimati Albert u Rosaria konjugi Xuereb, is-socjeta' rikorrenti rrendiet esegwibbli skond l-artikolu 256(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili l-kuntratt fl-atti tan-Nutar John Spiteri datat 13 ta' Gunju 2000 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. HSBC II);

Illi sal-lum l-intimati ghadhom debituri tal-bank rikorrenti fl-ammont globali ta' tlieta u disghin elf hames mija u tmenin

Euro wiehed u erbghin cent (€93,580.41) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta’ sitta u tmenin elf erba mija tlieta u hamsin Euro u hdax-il cent (€86,435.11) kapital dovut mill-konjugi Xuereb, liema kapital kien inghata lill-istess konjugi Xuereb b’titolu ta’ self, u in kwantu ghas-somma ta’ sebat elef mija u hamsa u erbghin Euro u tletin cent (€7,145.30) imghaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital kalkolati sal-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Jannar elfejn u hdax (2011) oltre imghaxijiet legali ulterjuri mit-tnejn u ghaoxrin (22) ta’ Jannar elfejn u hdax (2011) sad-data tal-pagament effettiv (rendikont hawn anness u immarkat Dok. HSBC III);

Illi l-intimati baqghu debituri tal-bank esponent u mid-data tal-ittra ufficjali sucitata lahqu ghaddew aktar minn tliet (3) snin preskritti mil-ligi sabiex dan it-titolu ezekuttiv jigi ezegwit u ghalhekk it-talba odjerna;

Ghaldqastant, il-bank esponenti previa kull dikjarazzjoni u provediment opportun, jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli qorti joghgobha tawtorizzah sabiex, ai termini tal-artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligjijet ta’ Malta, jezegwixxi t-titolu esekuttiv fuq imsemmi;

Bl-ispejjez;

Rat illi rikors gie debitament notifikat lil intimati li naqsu li jipprezentaw risposta u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ rikorrenti fejn Dr. Sylvana Demicoli ddikjarat bil-gurament taghha illi l-ammont dovut kien dak li jirrizulta fir-rikors cioe €93,580.41;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti b’mod konvincenti u kif titlob il-ligi t-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata;

Fil-kontumcja tal-intimati tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors, bl-ispejjez kif mitluba kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------